No 11

# L-IMNARA

GĦAQDA TAL-FOLKLOR

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY
MELITENSIA

ĦARĠA 18

VOL 5 No 1 1994

# L - IMNARA

Vol. 5 No. 1 Harġa Nru. 18

1 9 9 4
(Din il-Harġa ġiet sponorjata mill - Lombard Bank)

## WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| L - Għana Malti Fil - Qajjenza | Angelo Dougall | 2 |
| Halib, Ġbejniet u Rkotta | Guido Lanfranco | 5 |
| Il-Fratrellanza tal-Madonna Tal-Karita' Fil-Birgu | Lorenzo Zahra | 13 |
| Żmien Helu tal-Passat | Paul Portelli | 16 |
| Il-Leġġenda tad-Dar il-Kaħla, Fl-Isla | Angelo Dougall | 19 |
| Old Smoking Pipes | Guido Lanfranco | 21 |
| Il-Halib f' Hal Tarxien | Rafel Bonnici Cali' | 23 |
| Book Review: Maria Calleja' Gozo | Guido Lanfranco | 26 |
| Proposti Għal Statut Rivedut tal-Għaqda tal-Folklor | | 28 |

Bulletin tal-Għaqda tal-Folklor, joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għaqda tal-Folklor jew ta' l-Editur, jekk mhux hekk speċifikat.

Indirizz ta' l-Editur huwa
78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

## L - GĦANA MALTI FIL - QAJJENZA

**Angelo Dougall**

Jekk serati tal-għana Malti kienu dejjem imsejsin fuq il-folklor u l-Buskett f'lejlet l-Imnarja, daqshekk ieħor, serati tal-għana Malti kienu marbutin mal-Qajjenza, ta' kull sena, f'dawk l-iljieli sajfin. Il-Qajjenza, ġol-bajja ta' Marsaxlokk, kif saret in voga daż-żmien, tissejjaħ in-naħa t-isfel ta' Malta. Bħala Maltin tabilħaqq, tradizzjonijiet folkloristiċi Maltin la huma ta' isfel, u l-anqas ta' fuq, u ma nħarsux lejhom b'xi mod ieħor, ħlief li huma Maltin fir-ruħ u fil-ġisem, u li huma tradizzjonijiet li għandu jkollna lkoll kemm aħna, sentimenti lejhom, u li għandna ngħożżuhom kif jixirqilhom.

Il-plajja tal-blat bejn il-*Gas Works* u l-Batterija Ferretti, kienet post favorit għal serati ta' għana Malti, fl-iljieli sajfin, fid-difa tal-kwiet, mal-baħar, għall-arja tal-kampanja. Dawn is-serati kienu popolari ħafna fost id-dilettanti ta' din in-namra u passatemp nazzjonali, l-aktar, meta l-ħabib tiegħi "Il-Bambinu" (Mikiel Abela taż-Żejtun) kien għadu ħaj u mimli ħeġġa. Il-Qajjenza, sa ftit snin ilu biss, kien post kwiet, lokal ta' blat u baħar, raba' u mrieħel, sikta....daż-żmien telgħet belt oħra!

Madankollu ma kienetx il-mewt ta' dan l-għannej kbir li qatlet dan il-passatemp/namra/delizzju tipiku folkloristiku Malti, imma l-bini ta' erba sulari wisq qrib il-plajja. L-ippjanar f'dan il-lokal, la ta każ ta' din l-attivita' tradizzjonali Maltija, u l-anqas ħass l-iċken inpenn biex jagħti jew iħalli post għaliha jew jaħseb fiha!. Ir-riga, il-kumpass u l-iskwerra mexxew kollox bla sentimenti ta' xejn, bla ma ħadu l-iċken konsiderazzjoni lejn l-eluf ta' nies u lejn id-delizzju, wirt nazzjonali tagħhom. B'dan il-mod, l-ippjanar li sar fil-Qajjenza, kines darba għal dejjem din it-tradizzjoni minn dan il-lokal.

Ġol-Qajjenza kienu jiġu għal dawn is-serati tal-għana, nies minn ħafna postijiet u rħula; minbarra Birżebbuġa stess, għannejja u daqqaqa kienu jiġu ukoll minn Marsaxlokk, Żejtun, Ħal Far, Bingħisa, Gudja, Għaxaq, Bir-id-Deheb, Ħal Tarxien, Żurrieq, Żabbar, u postijiet oħrajn. Għannejja u daqqaqa jikkompetu bejniethom fi ħbiberija kbira, kienu jġibu magħhom il-familja, bin-nisa, tfal u xjuħ, u erħilhom jgħaddu ljieli sħah fuq dan il-blat tal-plajja tal-Qajjenza...jgħannu għal qalbhom kif imdorrijin jagħmlu sa minn ċkunithom, u skond id-drawwiet folkloristiċi Maltin. Hemm kienu jġibu l-ikel tradizzjonali tagħhom u mbejjed, bla ma jqabbdu l-*barbeque*, ħmerijiet barranin li qed iħammġulna x-xtajtiet tagħna, u li jimlewlna bid-dħaħen u xaħmijiet ifexfxu, bl-irwejjaħ tal-*hot dogs* u *hamburgers*.

Billi l-awtoritajiet semmew xi toroq fil-Qajjenza għal għana Malti u għal xi għanneja, b'daqshekk la nkoraġġew din it-tradizzjoni biex tkompli f'dan il-lokal, u lanqas qed ninkuraġġixxu dan il-passatemp folkloristiku...għalhekk xejn ma jissokta bħal ma kien qabel. It-tradizzjoni qawwija tal-għana Malti f'dan il-lokal, issa donnha spiċċat u nqerdet għal kollox! Dnub...ħasra u għajb għal dak kollu li sar biex twettaq dan

f'dawn l-aħħar ftit snin. Hu ta' stmerrija l-aġir ta' l-awtoritajiet ta' l-ippjanar għal dak li sar fil-Qajjenza.

**Suġġeriment** Billi biċċa ġmielha mill-plajja ġa nbniet b'erba' sulari bini, u minħabba li jistgħu isiru xi lmenti minn residenti dwar għana, għanneja u folol li jiġu jisimgħu, m'għadux aktar prattikabbli li jerġa jsir l-għana fejn kien isir qabel. Iżda mhux tard wisq li tista' tiġi rranġata r-roqgħa kbira ta' blat qrib il-Batterija Ferretti li jerġa' jibda jsir l-għana f'dan il-lokal, u terqa tkompli it-tradizzjoni fil-Qajjenza. Żgur li jekk jiġu avviċinati id-dilettanti, gruppi ta' għannejja u daqqa-qa, dawn ikunu ta' għajnuna bl-idejat tagħhom, dwar x'għandu jsir u x'hemm meħtieġ f'dan il-post. Anzi mhux talli li dawn it-tradizzjonijiet u drawwiet qodma ta' missirijietna ma jinqerdux, iżda jieħdu spinta u ħajja ġdida. Dan il-lokal fuq il-blat jinsab bogħod biżżejjed, biex la jtellef il-kwiet, u lanqas iweġġa' l-widnejn ta' dawk il-ftit imsejkna li għal widnejhom la jdoqqilhom, u l-anqas jittolleraw din ix-xorta ta' tradizzjoni Maltija.

Skond pjanti għall-iżvilupp ta' dan il-post hemm daqsxejn ta' pjazza proġettata qrib il-Batterija Ferretti. B'daqsxejn ta' immaġinazzjoni u ħsieb, kemm din il-pjazzetta, kif ukoll dik ir-roqgħa kbira ta' blat li semmejt, jistgħu jiġu rranġati b'mod li fihom ikunu jistgħu isiru serati ta' għana. B'daqsxejn ta' ħajt tas-sejjieħ għall-kenn mill-ħsejjes tat-traffiku, u palk bi ftit turġien tal-ġebel, xi bankijiet u tiżjin bis-siġar u xtieli indiġeni għal ambjent Malti, dan il-post jista' jkun irranġat u miftuħ għall-pubbliku mill-aktar fis, biex it-tradizzjoni folkloristika tal-għana Malti tissokta bħal qabel mal-plajja tal-Qajjenza...

---

**Ritratti li jidhru fil-faċċata l-oħra li jmiss:**

FUQ: Qajjenza. Il-blat ta' ħdejn il-Batterija Ferretti.

ISFEL; Qajjenza. Il-post immarkat bħala li se jsir pjazzetta fuq pjanti ta' żvilupp.

(ir-ritratti meħudin minn Angelo Dougall, 5-3-94)

---





**ĦALIB, ĠBEJNIET U RKOTTA Noti Miġbura Minn Fomm l-Anzjani.**

minn Guido Lanfranco

L-ikel ta' missirijietna ma kienx fih lussu; il-bniedem komuni kien jgħix b'dak li jsib madwaru, u l-prodotti tar-raba' u tal-bhejjem kienu l-aktar qrib lejh. Mhux kulħadd kien ikollu merħla nagħaġ jew mogħoż, iżda kien hemm bosta li kellhom waħdiet li kienu jservuhom għall-bżonnijiet tal-familja. Kien hemm min joħroġ ibiegħ xi ftit ħalib fit-toroq biex jaqla' xi ħaġa żgħira. Oħrajn kienu jbiegħu il-ħalib lil min kien iridu għall-ġbejniet jew irkotta. Bosta familji li kellhom in-nagħaġ u l-mogħoż tagħhom kienu jagħmlu l-ġbejniet għalihom stess.

Il-prinċipju li fuqu tibbaża il-produzzjoni tal-ġbejniet huwa dan. Kull min jaf xi ftit bijoloġija, jaf li malli l-ikel jidħol mill-ħalq il-quddiem, jibda fuqu process bijokimiku li bih jiġi simplifikat, jew fi kliem ieħor, jgħaddi mill-proċess ta' diġestjoni, biex wara' li jkun għadda mill-istonku u l-imsaren, jinġabar mid-demm, f'forma aktar sempliċi, u jittieħed fejn hemm bżonnu fil-ġisem. Dan ix-xogħol ta' simplifikazzjoni jew diġestjoni, isir possibbli permezz ta' fatturi kimiċi oħra, l-enżimi, li jikkontrollaw perfettament dan il-proċess. Fost l-enżimi, li kollha għandhom xogħol speċifiku għal kull tip ta' ikel, fl-istonku hemm ir-rennin. Din l-enżima taħdem fuq il-ħalib, u l-ewwel ma tagħmel tgħaqqdu. Għalhekk, jekk estratt minn ġo l-istonku, li jgħidul tames, inżiduh mal-ħalib, il-ħalib jikkoagula, jiġifieri jagħqad, u jifforma parti aktarx solida li ngħidulha baqta, u l-likwidu li jibqa wara li jagħqad il-ħalib, insejħulu xorrox.

Il-ħalib tan-nagħaġ fih aktar għaqda minn dak tal-mogħoż; tal-mogħoż huwa aktar ħafif. Normalment, il-ħalib kienu jpoġġuh ġo xi kontenitur tal-fuħħar, u aktar qrib żmienna ġo xi barmil jew banju, skond il-kwantita'. Iżda aktar fil-qedem, kien hemm min iħaffer żewġ ħofriet, ħdejn xulxin ħafna, fil-blat, waħda aktar fonda mill-oħra, u kien ikun hemm toqba tinfed mill-ħofra l-għolja għal dik baxxa. Din it-toqba kienu jagħlquha b'xi tapp tal-ġilda jew tas-sufra. Il-ħalib kienu jpoġġuh fil-ħofra l-għolja, u meta tagħqad il-baqta, jiftħu it-tapp, u ix-xorrox joħrog għal ġol-ħofra il-fonda. Il-parti magħquda, il-baqta, titqiegħed fil-qwieleb, jew bħal qfief ċkejknin, u titqalleb sakemm tagħqad aktar. Biex jinxfu ipoġġuhom għall-arja ġo xi tilar mikxuf, imdendel mas-saqaf, u xi drabi ġo qanniċċ (qisu gaġġa tal-qasab), imdendel qalb is-siġar jew f'xi kmajra apposta bix-xquq fil-hitan jew twieqi, biex l-arja tgħaddi sewwa.

L-irkotta hija ukoll ħalib li jagħqad, iżda mhux fuq l-istess prinċipju. Il-ħalib jitqiegħed fl-ilma baħar ġo borma kbira jew kaldarun fuq fuklar bil-faħam jew ħatab jaqbad taħtu, u jagħqad waqt li jħawduh bil-ħarrieka.

Għalkemm jien niftakar sewwa il-mogħoż fit-toroq u fil-kampanja tagħna, u rajt ukoll min jagħmel il-ġbejniet u l-irkotta, biex inkompli nagħti aktar dettalji dwarhom issa nħalli fi kliem nies li huma stess kienu nvoluti f'dan ix-xogħol. Dawn li ġejjin huma partijiet relevanti minn intervisti li jien

għamilt mal-persuni konċernati. Billi kelli l-okkażjoni li nagħmel programmi fuq ir-radju RTK dwar il-folklor, u ukoll il-faċilita' ta' *"phone-ins"* mis-semmiegħa, ħadt l-opportunita' biex inħajjar jitkellmu fuq suġġetti varji, inklużi dawn li ġejjin. Hawn issibu il-kliem li ġbart minn għand għaxar min-nies; Ħallejt barra il-ħafna mistoqsijiet u ir-rimarki li nkun għamiltilhom sakemm qaluli dak li kont irrid jien.

"Konna dejjem inżommu mogħża ġor-razzett...kien ikollna dejjem waħda nżommuha għall-ħalib...forsi kien ikollna xi gidi i nħalluh għat-tames għall ġbejniet...F'xi lerbgħa niftakar lin-nanna taħlibha ġo flixkun tal-luminata...f'xi l-erbgħa ta' filgħaxija...mbagħad kienet tibgħatna dak il-ħin stess intuh lill-bużnanna; kienet tgħallih fuq l-ispiritiera ta' bi tnejn. Ġeneralment kien dejjem ifur, u kif kien jibred, ħafna kienu jagħmluh mal-kafe' tat-tisjir jew jixorbuh waħdu. U n-nanna tagħna..l-Fgura,...kienhemm ħafna jrabbu l-mogħoż...irziezet, u kienu jmorru jbiegħu il-ħalib lejn il-Kottonera, L-Isla, Bormla...Il-Birgu kienu jinżlu. L-inħawi ta' Ħal Tarxien kien kollu rziezet...kien kollu raħħala jgħixu b'dawn l-affarijiet...nifrtakar li għat-tlieta kienu dejjem jinżlu jbiegħu" (A23,1)

"Jien kelli l-mama' mietet ta' 89 sena xi sentejn ilu, u niftakarha tgħid li in-nannu kien bil-mogħoż...u kien iqajjimhom kmieni (lit-tfal), ta' xi ħames snin, imorru jirgħu. U tgħidlek li dment kienet bil-mogħoż tiegħu, kienet tieħdu l-ħalib, u kienet tgħidilna, ...Dak ħalib! ...mhux li tixorbu!.... Meta qatgħet minn man-nannu u żżewġet, qatt ma xorbot aktar ħalib, għax kienet temmen li meta tieħu dritt mill-mogħża kien ikun vera ħalib...min jaf kemm daħqet bina u tgħidilna...Inthom ilma ttuhom lit-tfal, mhux ħalib!...Niftakar kien hemm wieħed mill-Marsa...jiena lħaqtu sew...kien jiġi bil-merħla...kienu jgħidulu Ta' Pespes... niftakar...u kien jgħitilhom bl-isem lill-mogħoż...Ejja Ħamra!...Ejja Sewda!...u hekk..." (A23,2)

"Jien kont naħlibhom il-mogħoż...Fi żmien, ommi u missieri kienu jmorru jbiegħu il-ħalib f'Tas-Sliema...u anke ħuti l-kbar..uħud minnhom mietu...kellna fuq is-sebgħin...Ommi kienet tlibbishom is-sarima biex ma jerdgħux ħalibhom; kienu jlibbsu s-sarima lill-gidien,....il-ħrief tagħhom......gidien konna ngħidulhom...biex ma jerdgħux il-ħalib t'ommhom...u nitfgħuhom m'ommhom, għax ommhom kienet tnizzel ħafna ħalib meta kien ikollha l-gidi magħha, anki jmur iħokkilha s-sarima ma' sidirha. Meta konna naħilbuhom konna ħafna aħwa, kulħadd imur fir-rokna, u l-mogħoż li jaħleb hu kienu jmorru kollha ħdejh. Anke meta konna noħorġu nirgħuhom, meta niltaqgħu ma' merħla oħra tiskanta kif kienu jgħaddu minn ġo xulxin, u xorta jintgħażlu. Konna ngħajtulhom bil-laqam ukoll. Kellna bitħa kbira fejn nitimgħuhom u nisquhom. Konna niġbru l-affarijiet anke ta' taħt il-ħarrub, ħarrub niexef, pal tal-bajtar għall-frisk..bħal'llum is-sajf....f'xi l-għaxra konna nqattgħulhom il-pal tal-bajtar u ntuhulhom biex jekluh frisk...konna ntuhulhom tari...anke xieref, kienu jekluh ukoll...konna nagħtuhulhom il-ħarrub frisk. Il-kurdun t'għonqhom, dik konna ngħidulha it-terħa jew faxxa...mhux dejjem l-istess.....ommi kienet tagħmilhomlhom hi. Kienu jkunu (Il-mogħoż) ma' kanal tal-konkos mal-ħajt biex jieklu...u biex norbtuhom kollha kienu jmorru f'posthom...kien ikollna l-katina u

norbtuhom minnha biex ma jitgħallqux...Ġie li kienu jqajmuna bil-lejl...tkun qed titgħallaq xi waħda...kienet iddurilha m'għonqha...anke kienet tkun xi waħda bil-qrun...lil ta' ma' ġenbha ddaħħlilha l-qarn ġot-terħa li jkollha m'għonqha....Malli nisimgħu l-għajjat kulħadd iqum jiġri, min jixgħel il-fanal, min jixgħel ix-xemgħa...naqalgħulha ċ-ċinga li jkollha m'għonqha, jew ħabel li jkollhom...Ommi kienet tqatta' d-drapp, taċ-ċraret u tobromhom, bil-kuluri (għat-terħa)... Kienet tbiegħ il-ħalib f'Tas-Sliema, ommi, u ħuti il-kbar kienu jbiegħu il-ħalib f'Birkirkara ukoll. (Il-mogħoż) kienu kollha bil-ħin tagħhom...nitimgħuhom, bil-ħin tagħhom...kien ikollok...l-anqas toħroġ ma tkun tista'

"U konna nagħmlu l-ġbejniet. Niftakar meta darba kienu għamlu xi srtrajk u ma ħadux ħalib il-magna...konna għamilna ħafna ġbejniet, u biċċa minnhom konna għamilnihom bil-bżar...konna nnixfuhom fil-qanniċċ, fuq il-bejt, u konna nekluhom mbagħad. Kenna l-gidjiet, konna nrabbuhom, u mbagħad neħdulhom it-tames, innixfuh mal-ħajt; qabel noqtluh il-gidi konna nreddgħuh, biex it-tames ikun kbir...u jien min jaf kemm slaħt gidien...biex nekluhom, iva. (Biex inneħħu l-ġilda) konna nonfħuhom...nonfħuhom minn saqajhom...ġie li kont nonfoħhom bl-imqarruna...kien ikun dak l-imqarrun it-twil...u missieri kien jgħidli ..Ħa nonfoħhielek...u jien kont nisloħhom...konna naqsmuhom minn żaqqhom, u (il-ġilda) konna niftħuha, u il-ġild tagħhom...jien għandi basktijiet tal-ġild tal-ħrief...Għax dak (il-ġild) tnixxifhom...l-ewwel tagħmilhom fil-melħ u mbagħad kont issammaru ma njama...tagħmlu fix-xemx...tneħħilu dejjem ix-xaħam...u jiġi sabiħ..." (A23,3)

"Jien minn Ħal Qormi...Meta kont żgħir kont niġi mill-iskola...kien ikollna żewġ mogħżiet jew waħda id-dar...ma kellniex razzett. Għalqa kellna, konna nmorru kuljum biha...norbtuhom ma' kantun...kien kantun apposta...u kien ikollna is-silla,...bil-ħabel twil, u tiekol li ntuha aħna mhux li jkun hemm mal-ħajt...silla, ħarrub, u hekk...kuljum wara li nmorru d-dar mill-iskola....Ġermaniżi kienu jkunu, mhux Maltin...dejjem Ġermaniżi...konna nixtruhom żagħar u jikbru għandna. Konna nżommuha bħallikieku kellna bniedem...id-dar...nadifa tazza...neħduha kull nhar ta' Sibt...kien ikollna l-ħin għaliha. Ħalib ma xtrajna qatt minn barra. Ħa ngħidlek din...Aħna, minn kif twelidt (xi ħamsa u tletin sena ilu) qatt ma għallejnieh il-ħalib...aħna, kif jaħleb missieri, dak il-ħin stess, mit-tazza nixorbu, konna, għax qegħdin seba aħwa...Ġie li kien jiġi xi żmien jgħidilna...Illum il-ħalib narmuh, tixorbuhx...u aħna ma konna ngħidu xejn għax forsi kienet tagħmel xi ħajta demm...missieri kien jifhem ħafna fihom. Darba minnhom...ħa ngħidlek storja...kien Korpus, u kont sejjer biha l-għalqa il-Ħadd filgħodu, u tafx int, in-nies joħorġu l-qsari barra...waqt li għaddej biha marret fuq qasrija tal-galletti u ħatfitli żewġ qsari...kont żgħir jien...ġibditni...u kien hemm pulizija ġabhieli d-dar hu..." (A23,5)

"Kont inbiegħ il-ħalib tal-mogħża...kont inmur wara l-bibien, inħabbtilhom, ġeneralment filgħodu għal xi s-seba u nofs is-seba...u min jgħidli....Aħlibuli bil-qawwi ħalli titla' dik ir-ragħawa għax inħobbha! u kien ikun hemm min jgħidli ....Taħlibhilix bir-ragħawa, għax ikolli ftit!...

Għalhekk kont naħlibhom max-xifer tat-tazza jew bott, biex ma jagħmilx dik ir-ragħawa. U konna nagħmlulhom il-ħannieqa m'għonqhom...tkun ħamra u bajda...konna nagħmlu qisha malja biċ-ċraret kuluriti u norbtuhomlhom m-għonqhom. Qanpiena ġie li konna nagħmlu xi waħda, imma mhux bil-kwantita', biex jibqgħu flimkien. Anki l-ismijiet: Ejja Bajda!...Ejja Ħamra!...Ejja Bajda Bl-Iswed!... Kont noħroġ żewġ mogħożiet jew waħda miegħi. Konna noqgħodu l-Buskett...inmorru nirgħuhom fil-wied...fl-għelieqi tagħna...u konna nimxu kważi sa Ħaż-Żebbuġ jew is-Siġġiewi bihom...nirgħuhom...

"U nagħmlu l-ġbejniet aħna, konna...u kont noħroġ inbiegħ il-bajd u l-qoffa bil-ġbejniet...Il-ġbejniet tan-nagħaġ, tal-mogħoż, u ġie li kellna tal-baqar. Ommi, Alla jaħfrilha, mietet xi xahar u nofs ilu, kienet tieħu dik ir-ragħawa tal-baqta...ma nitilfuhiex, u ftit mill-wiċċ tagħha, kollox f'daqqa, u mbagħad tagħmlilna platt bil-ftiet tal-ħobż, twaddbilna din fuqu, ftit zokkor, u tgħidx kemm kienet tkun tajba...xi tliet kuċċarini jew mgħarfa zokkor...u konna nieklu kull platt li ma ngħidlekx!...Il-ħalib konna ngħalluh..." (A23,6)

"Dak l-armar li fuqu kienu jpoġġu il-ġbejniet biex jinxfu, qanniċċ ngħidulu......kien ċatt, u mbagħad imdendel b'erba' ħbula. Dan kienu jpoġġuh fil-kamra tal-bejt, kellha żewġ twieqi quddiem xulxin dejjem miftuħin, u kienu jdendluh mas-saqaf, u dejjem jinxfu. Ġie li kienu jdawruhom biex ma jimmuf-fawx.....ikun hemm ganġ idendluh miegħu. (Il-ġbejniet) kienu jaħdmuhom isfel kellu kamra fil-bitħa....kellu dixx fejn il-qwieleb kienu dejjem iqattru..." (A22,3)

"Kien ikollna n-nagħaġ tagħna...kien ikollna t-tames...nieħdu mgħarfa jew tnejn...tal-ħaruf...konna noqtluh. Nerfgħuh u nagħmluh fil-melħ (l-istonku)...nitfgħulu melħ mill-oħxon...nagħmluh ġo pagna żgħira tal-fuħħar. Torbtu minn tarf u ieħor bi spaga (l-istonku), nitfgħuh ġo pagna tal-fuħħar bil-melħ oħxon...u dejjem jerħi l-ilma minnu...u ntellgħu xi żewġ magħref skond kemm ikollna kwantita' ta' ħalib... (Il-ħalib) titfagħlu xi żewġ magħref minn dak il-likwidu tat-tames....tħawdu b'imgħarfa u tarah jibda jagħqad. Kien ikollna bramel apposta taż-żingu...u kien ikollna dawk il-qwieleb tal-qasab...mbagħad nibbuttjaw xi tużżana qwieleb ġo dixx biex dejjem joħroġ meta tagħmillu x-xorrox. Li jagħqdu taqlibhom b'idejk, mbagħad ikollok barmil ieħor tagħmilhom fih biex dejjem jerħi x-xorrox bis-salmura. U meta kien ikollna kwantita' kbira konna nnixfuhom ġol-qanniċċ...kien ikun tal-qasab...ġol-bitħa tar-razzett...bil-ħabel...imdendla. Mbagħad minħabba l-insetti ngħattuh b'biċċa filoxx...u dejjem tħallihom jinxfu. Jiġu ġbejniet bojod mbagħad dawk li rridu nagħmluhom bil-bżar u l-ħall...nagħmluhom fil-vażetti tal-ħġieġ ...nitfgħulhom il-ħall, il-bżar u ż-żejt...u jsiru tal-bżar" (A22,4)

"Meta kelli xi għaxar snin, ġie li kien ikollna anke baqra taħleb, u jekk ikollha l-għoġol, avolja jkun sar il-ħin biex naħilbuha, jekk ikollha l-għoġol kienet terfgħu; jekk tmur fejna biex taħlibha terfgħu konna ngħidulha, u mbagħad inġibulha l-għoġol biex jibda jerda', u mbagħad inkomplu aħna.



Hofor għall baqta u x-xorrox
fil Wardija
(ritratt ta' Guido Lanfranco, 18-5-70 )

Issa l-ġbejniet konna nagħmluhoim aktarx tan-nagħaġ u tal-baqra mħalltin. It-tames huwa stonku...jista' jkun anke ta' għoġol...ikun kbir...anzi ireddgħuhom qabel biex ikun fih żgur, biex jimtela. Mbagħad, meta joqtluh, idendluh (l-istonku) fl-arja, u mbagħad jagħmluh fil-melħ...u meta jkunu jridu l-qtar, dak qtar ngħidulu karma...dak li nħalltu mal-ħalib...allura dak ikun it-tames. Dak l-istonku innixxluh ġo l-ilma għal tlitt-ijiem jew hekk, u dak l-ilma jew tames jerġgħu inixxfuh u jerġgħu jużawh darb'oħra. Allura jieħdu, jikkalkolaw kuċċarina jew tnejn skond kemm ikollhom ħalib. Il-ħalib ma jridx ikun ilu maħlub; irid ikun għadu b'dik it-temperatura, għax la jiksaħ ma jagħqadx; dak ngħidulu qtar aħna. Issa mbagħad, meta jiġi biex jagħqad, jingħażel, allura dak li jintagħżel minnu, dak l-ilma, ngħidulu xorrox. Issa dak, l-ieħor, ngħidulu baqta, dik li tibqa' li se tagħmel il-ġbejniet minnha. Mbagħad kellna l-qwieleb...Il-baqta tinqata' biċċa biċċa bl-imgħarfa u jqegħduha fil-qaleb. Wara forsi kwarta, jew hekk, taqbad idek hekk, taqlibha fuq idek...u tistgħaġeb min ikun tas-sena....trid iġġibhom eżatti...mbagħad iħalluhom joqgħodu daqsxejn, ngħidu aħna, mbagħad jew jitfgħulhom melħa fuqhom, je inkella mbagħad jaqalgħuhom mil x'jismu..u jagħmel is-salmura...Is-salmura, biex ikunu jafu hix eżatta, kienu jagħmlu bajda; jekk iżżomm fil-wiċċ (il-bajda) kienet tkun eżatta. Jien meta kelli għaxar snin kienu jibgħatuni r-Rabat bihom...konna nsibu ħanut li jixtrihom...da żgur, mela, ġie li hadt erbat-artal fuq rasi...qishom dawk tal-ħut...sal-ħin ta' l-iskola...għax mbagħad kont irrid inmur l-iskola jien. Min irid inixxifhom...dak qanniċċ ngħidulu...miftuħ...tal-qasab...meta kienu jagħmlu dak il-magħluq, dak probabbli għax kienu jnixxfuhom taħt il-ħarruba, għax dak aktar tiġi tajba...jiġu tajbin...speċjalment fir-riħ fuq." (A22,5)

"Kelli ħbieb tiegħi, kellhom nanniethom jew zijiethom jagħmlu l-irkotta. Meta konna nispiċċaw l-iskola, kelli xi għaxar snin, missieru kellu żiemel, u minn Ħal Għaxaq konna nmorru Ħal Safi, iż-Żurrieq, Ħal Kirkop, nigbru l-ħalib. f'Ħal Għaxaq kellna xi ħmistax il-wieħed isajru l-irkotta. Kienu jgħajtu...Għar-ravjul!...il-biċċa l-kbira ma kontx tifhimhom...u kien ikollhom il-qaleb tas-simar; u niftakar kien ikollu għatu tal-landa tal-kunserva u mgħawweġ minn żewġ naħat, kien jiġi qisu forma ta' trijanglu, u b'naħa tond, u kien jaqta' bih, niftakar...u kien jiżinhulek bil-miżien...bil-kwart, nofs kwart, nofs 'rtal. Konna nmorru l-baħar miegħu biex iġib l-ilma baħar biex isajjarha...u dejjem iġib ilma ċar.

"Kellu l-fuklar u kaldarun tar-ram, imma minn ġewwa kien ikun ibbanjat bl-istann...kien jieħdu għand xi landier jew xi ħadd jibbanjah. Il-fuklar kien ikun mibni bil-ġebel; idaħħal il-ħatab taħtu...zkuk tal-ħarrub niftakarhom. Il-kaldarun kien ikun ġiex piedi dijametru u kien ikun xi ġiex piedi u nofs fond. Kien ikollu qisha xkupa tal-ġummar, kienu jgħidulha ħarrieka, biex joqgħod iħawwad biha. Niftakarhom jew fil-bitħa ta' wara' jew fil-mandra quddiem il-bieb fejn ir-razzett, kien ikollu mannara kbira, marloġġ qisu ta' magħżqa; kienet taqta' minn żewġ naħat; kien ikollha xifer vertikali u ieħor orizzontali...ix-xfarijiet ta' din il-mannara kienu jkunu kontra xulxin, biex jekk iz-zokk jiġih il-linja miegħu, itih b'dik li tkun eżatt fuq iz-zokk...jekk iz-zokk jiġih parallel miegħu hi u tiela' kien idawwarha biex xorta jtiehielu f'nofsu d-daqqa.

"L-ilma baħar irid dejjem iġibu minn tal-ġurnata. Meta kien ikun maltemp minn Marsaxlokk jew Birżebbuġa, minn Ħal Għaxaq ġie li kienu jmorru l-Kalkara biż-żiemel biex iġibu l-ilma. Kienu jgħidu li jekk tħallih, ma tagħqadx l-irkotta...irid ikun frisk. (A25,3)

"Qabel il-gwerra, fuq il-fuklar, konna nagħmlu l-irkotta. Kellna fuklar kbir u kellna bħal tank jidħol ġo fih...u t-tank konna neħduh nibbanjawh biex l-irkotta ma teħilx. L-ewwel ma konna nitfgħu kien l-ilma baħar jisħon, u mbagħad konna nmorru nbiegħu l-irkotta l-Isla, qabel il-gwerra. L-ewwel ma nitfgħu l-ilma baħar...inqabbdu n-nar, ...sewwa?...imbagħad nitfgħu l-ilma baħar fil-fuklar...imbagħad jisħon...konna nagħmlu d-dqiq...bil-qies..nagħtu każ nagħmlu kejla dqiq...insaħħnu l-ħalib ukoll; nerfgħu il-ħalib bl-ilma baħar, inħawduh, nitfgħuh ġo fih...mitfgħu il-kumplament tal-ħalib kollu u nibdew inħawdu. Ikollna bħal xkupa donna minn dawn tal-antiki tal-għanqbud...noqogħdu nħawdu bil-mod il-mod, u mbagħad tibda taraha, l-irkotta, titla' fil-wiċċ...tkun qegħda tagħqad. Il-ħalib kien ikun tan-nagħaġ u tal-baqar...kellna żewġ baqriet u għoxrin nagħġa. Missieri kien jagħmilli kwart kwart....kelli xi tnax il-sena...qabel il-gwerra, u kont inmur inbiegħ jien...hu kien imur banda u jien inmur oħra....bil-bixkilla wiesa'. Missieri kien jaqtagħha bil-ħarira, jaqbad karta strazza, jixħetha fuqha, u kemm titolbu jiżinlek irkotta. Insomma, meta kienet tagħqad din, ma tkomplix tħawwad...Inħalluha daqs ħames minuti toqgħod. Meta toqgħod tarha titla' kollha fil-wiċċ, u mbagħad kellna qisha mgħarfa kbira bit-toqob, biex meta ndaħħluha hekk, ix-xorrox joħroġ. Ikollna l-ġwielaq, jiġifieri tal-irkotta, ...filgħaxija, meta niġbruha, nixħtuha hekk, u mbagħad intellgħuha għall-frisk, ngħattuha, u mbagħad niġbru x-xorrox. Fix-xorrox jibqa' dawk il-frakijiet...niġbruh ukoll...dak ikun għalih...Ix-xorrox, dak iż-żmien, konna nagħtuh lill-majjali jekluh...għax ikun xorrox b'naqra rkotta, u hekk kienu jekluha. Mbagħad filgħodu konna narmaw iż-żiemel u nmorru ġo l-ibliet...ġo l-Isla, nbiegħuha bl-użin. Konna ngħajtu...Tajba għar-ravjul!....Tajba għar...-...ra...vjul!... Dak li jkun jgħajjatlek jew jordnalek ġurnata qabel, speċjalment meta kienet tiġi xi festa, lanqas konna nlaħħqu...biex jagħmlu r-ravjul...; kuljum kellna nagħmlu.

"Il-bhejjem kuljum trid taħlibhom..... Bormla, int u dieħel, hekk, għall-Birgu, kienhemm wieħed...u kellu s-silġ...konnna nmorru għandu...kien jibqalna qaleb, nagħmluh għandu...inħalluh għandu...u mbagħad inmorru l-għada, jew il-pitgħada, meta jkollna bżonn, u taf lil min konna nbiegħuha dik? lil tal-pastizzi....mhux biex jagħmlu t-torti....għax tal-pastizzi, bħal dik, aktar kien jixridha, għax kienet tkun xotta. Fil-gwerra bżajna, u flok inmorru aħna, iż-żejtun stess, fejn il-knisja, konna narmaw mejda, u huma u għaddejjin in-nies, kienu jixtru... U ġie li konna nixtru l-ħalib, ngħidulu tal-merħla, ...ikunu nies jiġbru dawn il-mogħoż...ġie li ġibna l-ħalib minn hemm. Meta il-ħalib tagħna kien ikun naqra skars, ġie li ħallatnih il-ħalib...tal-mogħoż ma' tan-nagħaġ...ngħidulu tal-merħla. Aħna ġie li kellna ħmistax il-qaleb...sittax; il-qaleb kien jinħadem bis-simar...issa tal-plastik... Fil-gwerra kienu qabdu jagħmluha bit-trab tal-ħalib...aħna qatt ma għamilniha hekk.

"Jien kont inbiegħ il-ħalib ukoll...u kont inbiegħ il-ħalib lill-gvern. Kont inbiegħ iż-żejtun fit-toroq....filgħodu u wara nofsinhar. Wara nofsinhar kont noħroġ bihom nirgħhom. Kont nagħmlilhom Hoj!...Hoj!...Hoj!...u jiġru warajja. Ġie li kont intihom isem, bħal ...Ta'-Karmnu,.... għax inkun xtrajtha minn għand Karmnu; is-sarima kont nagħmilħielhom meta noħroġ bil-ħalib, għax xi nies dutturi kienu jibżgħu li joborxulhom il-ħajt;...ukoll biex ma jeklux karti...; iżda aktar minħabba li biċċiet minnhom, il-mogħoż imorru mal-ħajt...u ma tridx tafdhom...dan ikun hemm xi waħda tal-ħanut ikollha xi naqra tal-ħaxix barra imorru jeħduhulhom..." (A24,5)

---

Referenzi: *Recordings* li għamilt jien waqt il-programmi tiegħi fuq l-RTK dwar il-folklor, waqt li kien ikun isir il-programm "Bejnietna" produzzjoni ta' Susan Mulvaney. Mhux kulħadd ikun irid jgħid x'jismu jew minn fejn hu, għalhekk qed nagħti biss l-informazzjoni li stajt niġbor. Dawn in-numri ta' referenza li ġejjin jaqblu ma' dawk li għandi jien fuq ir-reġistri tiegħi ta' *casettes* dwar folklor lokali.

A22 (13 Lulju 1993) 3:mara anzjana; 4: mara anzjana; 5: raġel anzjan.

A23 (20 Lulju 1993) 1: mara anzjana, Fgura; 2: mara anzjana; 3: mara anzjana; 5: raġel anzjan, Qormi; 5: mara anzjana, Busket.

A24 (25 Mejju 1994) 5: raġel anzjan.

A25 (1 Ġunju 1994) 3: Frans Farruġa, Għaxaq.



qwieleb tal - ġbejniet

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA

# FRATELLANZA TAL - MADONNA TAL - KARITA' FIL - BIRGU

Lorenzo Zahra

Dan it-titolu tal-Madonna tal-Karita' daħal fostna l-ewwel, fil-belt il-qadima ta' Malta, il-Birgu. L-Għaqda, f'isem il-Madonna, biex tgħin lill-foqra, bdiet fil-parroċċa tal-Birgu, meta din kienet stabbilita fil-knisja tal-Patrijiet Dumnikani, billi l-knisja ta' San Lawrenz kienet tinsab f'idejn l-Ordni tal-Kavallieri. Kienet bdiet fil-1544, iżda fl-1580 kienet lura fil-knisja ta' San Lawrenz, fi żmien Gargallo, li kien ħareġ digriet biex jikkonferma l-fratellanza. Fil-knisja tad-Dumnikani fil-Birgu stess riedu li tibqa' fratellanza bħalha, li allura ġiet ukoll imwaqqfa, iżda taħt l-isem tar-Rużarju.

Ix-xogħol ta' dawn il-fratelli kien biex jgħinu lill-foqra u jidfnu l-mejtin. Kienu għalhekk jiġbru għall-karita' u jqassmu l-ħobż. fl-1605 l-isqof kien ġabilhom diversi indulġenzi speċjali u fl-1615 il-fratellanza kienet magħquda ma' dik tal-knisja ta' San Ġlormu ta' Ruma. Kienu akkwistaw statut fl-1659 u ħames snin wara, bdew deħlin piki bejnhom u bejn dawk tar-Rożarjanti, dwar min kellu l-preċedenza minnhom.

Ix-xogħol soċjali tal-fratellanza kien meħtieġ ukoll fi bliet u rħula oħra ta' Malta, u bdew jitwaqqfu fratellanzi bħalhom l'hawn u l'hinn. Hekk, fl-1589 twaqqfet waħda fiż-Żejtun, fl-1610 fil-Belt Valletta, fl-1655 ġewwa Ħal Għaxaq, fl-1695 f'Ħaż-Żebbuġ, fl-1715 fil-belt ta' L-Isla, fl-1758 fir-Rabat ta' l-Imdina, u fl-1781 ġewwa Birkirkara.

Dik ewlenija tal-Birgu kienet oriġinat mill-fundatur tagħha tal-familja Testaferrata, familja nobbli li kienet fil-Birgu. Fil-fratellanza kellu jkun hemm sittax il-fratell u rettur, u dawn ma kellhom iħallsu l-ebda annwalita' għax din kienet ġa fundata mill-fundatur. Biżżejjed kien is-servizz tagħhom lejn il-fqajrin. Il-fratellanza Vittoriosana kienet mhux biss ta' għajnuna għall fqar, imma kienet fratellanza speċjali għax fil-proċessjoni il-fratelli kellhom il-baċili.

Dawn il-baċili, li fl-imgħoddi kienu jissejħu trijonfi, kienu *trays* imżejnin bi statwi qaddisa, u dekorati bi ħbejżiet żgħar kull fejn tara. L-oriġini kienet, li dawn kienu joħorġu ta' spiss iqassmu l-ħobż, imma nhar il-festa, it-*trays* kienu jkunu imżejnin bl-istatwetti ud-dekorazzjoni, u il-ħobż kien jitqassam wara.

Il-fratelli kienu bl-imħatra min iżejjen il-baċil tiegħu l-isbaħ. Waqt il-proċessjoni il-fratell kien iżomm it-torċa f'idu, waqt li kien ikun hemm persuna oħra quddiemu bil-kunfratija, iżżomm it-trijonf jew baċil tiegħu. Il-libsa tal-fratelli kienet sempġliċiment kunfratija bajda, iżda fl-1797, kienu ngħataw li jilbsu l-muzzetta krema bl-insinji tal-karita' fuqha, billi dik il-ħabta ħafna fratellanzi oħra bdew jieħdu l-muzzetta wkoll.

Il-proċessjoni kienet issir fit-tieni Ħadd ta' Mejju. L-istatwa l-qadima, li kienet ukoll imlibbsa, kienet ġiet sostitwita, u l-qadima wieħed jista' jara ir-ras tagħha fil-mużew par-

rokkjali tal-Birgu. Il-vara saret ġdida minn Darmanin, iżda minn wara l-gwerra l-hawn qatt aktar ma saret din il-festa, u l-fratellanza ġiet meqruda. Il-baċili, lejlet il-festa, kienu jittieħdu kollha fil-knisja tat-Trinita' li kienet fi Strada San Lorenzo, u mbagħad kienet tmur il-banda Duke of Edinburgh għalihom, jgħaddu mill-Pjazzetta, it-Triq ta' L-Abatija, u jduru lejn il-parroċċa. L-għada, nhar il-festa, kienu għaxqa dawk it-trijonfi sbieħ, fil-proċessjoni unika f'Malta. Kienu jinġabru ħafna nies biex jarawhom għaddejin fil-proċessjoni, akkumpanjati mill-banda.

Niftakar x'uħud mill-fratelli li kellhom dawn il-baċili; uħud nafhom b-isimhom, oħrajn bil-laqam, u hawn insemmihom għall-ġieħ ta' l-istorja: Kienu Benjamin, ta' Wenzu Dalmas, ta' Barbara, ta' Renzu Cacciottolo, Ruffini l-iskultur, Bartelmin, Rafel il-Pejxu, tal-Hall, u ta' Saburas. Naturalment ir-rettur kien jakkumpanja fin-nofs bid-distintiva tal-fidda fuq sidru, waqt li fil-processjoni kien ikun hemm fratell bis-surġentina f'idu ħalli jmexxi l-proċessjoni huwa.

Min ikun irid jara l-uniku wieħed minn dawn it-trijonfi jew baċili jista' jagħmel żjara fil-mużew tal-parroċċa, fl-oratorju ta' San Ġużepp fil-Birgu, fejn għad baqa dan il-baċil-għall-wiri.



Fil-mużew parrokkjali tal-Birgu (ritratt 15-2-1992, G.Lanfranco)



Baċil tal-Fratellanza tal-Karità
li għadu jidher fil-mużew tal-
parroċċa tal-Birgu.
(Rritratt ta' Guido Lanfranco 15-2-92 )

# ŻMIEN HELU TAL - PASSAT

Paul Portelli

Ili żmien inħares lejn il-passat, u għadu stampat f'moħħi. Għalkemm hu żmien passat, ma ninsih qatt, u ħalla tant memorji li għadnmi ngħożżhom, meta nagħmel paragun bejn żmien tfuliti u ż-żmien ta' llum. Nara baħar jaqsam ta' differenza. Illum it-tfal għandhom minn kollox, u ħafna minnhom mhumiex kuntenti, u aħna konna ngħaddu ħajja sempliċi ta' dixxiplina u ubbidjenza lejn il-ġenituri u superjuri tagħna.

Xi ħamsin jew sittin sena ilu, il-Belt Valletta kienet bħal familja waħda. Jien twelidt fi Strada San Nicola. Dażżmien xejn ma tixbaħ kif kienet...dik il-parti ta' quddiem it-twieqi tal-kunvent tad-Dumnikani. Kont bilkemm għadni nilħaq mal-gallarija, il-patrijiet kienu jsejħuli u jgħiduli xi ħaġa. Billi missieri kien magħruf sewwa magħhom, partitarju Dumnikan pessmu, u minnhom kellu ħafna ħbieb, anki xi tofija ġie li waddbuli.

Sewwasew quddiemna kien hemm in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju. Kont nara wieħed mill-ġirien jitla' kuljum fuq sellum, inaddaf il-ħġieġ tan-niċċa, jixgħel u jpoġġi l-fjuri quddiemha. Ftit aktar il-fuq kien hemm statwa ta' San Duminku, li fil-festa kienet tiżżejjen bil-karti u fjuri sofor u ħomor. Dawn in-niċeċ għadhom hemm sa llum. Hafna min-niċeċ kienu jixgħeluhom bil-lumini. Dawn kienu tazza mimlija nofsha ilma u nofsha żejt li jitla' fil-wiċċ, u l-lumina kienet tkun biċċa miċċa bejn tliet biċċiet sufri. Kienu ukoll jużaw ix-xemgħa tal-pakketti.

Fuq il-bitħa ta' ġewwa, kellna gallarija tal-ħadid mikxufa, tagħti għall bitħa ta' taħtna. Kellhom fekruna ta' taħtna, u kont indum is-siegħet inħares lejha, iddaħħal u toħroġ rasha għall kull ħoss li tisma'. Xi erba' bibien il-fuq minnha, kien hemm ċertu Kelinu tal-Pitrolju; kellu kantina mnejn ibiegħ il-pitrolju u l-faħam. Kien għad hawn ħafna familji jsajru fuq il-kenur. Għall-faħam kienu jġibu ġewlaq jew basket taċ-ċarruta li kienu jużaw għalhekk biss. Kelinu kien qsajjar, ċajtier, bil-berritta u s-sidrija, bil-qorq u mustaċċi rqaq; kellu wiċċu u idejh suwed qisu tork. Il-pitrolju kienu jiġu jixtruh ġo xi landa, u ukoll fil-fliexken; mhux l-ewwel darba li xi tarbija spiċċat ħażin għax xorbot il-pitrolju li fil-flixkun tkun ħasbitu ħaġ'oħra. Kelinu kien il-ħin kollu tiela' u nieżel inewwel. Kellu kanarin imdendel f'gaġġa ma' grampun; kont ngħidlu jagħtihuli, u dejjem jgħidli ...La jitwallu denbu.

Mal-faċċata l-oħra kienu joqogħdu żewġ familji li kienu joħorġuni magħhom. Waħda, fejn l-omm kienet dejjem fuq siġġu ħdejn il-bieb. Dawn kienu jqattgħu ħajjithom hekk, il-knisja u d-dar. Kull bieb kien ikollu grada ta' l-injam, jew jekk tkun tal-benestanti tal-ħadid elaborat. Din kienet ġeneralment tinqala' u jdaħħluha ġewwa meta jagħlqu l-bieb filgħaxija. L-omm kellha żewġ bniet u tnejn oħra subien. Kienet tara minn għajn waħda; dak iż-żmien ma kienx hawn il-kura ta' issa, u kont tara bosta mankamenti. Waħda mix-xebbiet, Mimi', kienet ħajjata prima, l-oħra, Pawla, kienet iddoqq biċċiet popolari fuq il-pjanu li kienu jogħoġbuni, bħal "O Sole Mio", "Santa Lucia", u oħrajn.

Il-familja l-oħra kienet l-omm, bintha Mary li kienet ħajjata, Rose li kienet tieħu ħsieb id-dar u x-xiri, u l-ġuvintur Victor u Romeo. Dan ta' l-aħħar kien dilettant tal-mandolina, u xi drabi kien jgħallimni ndoqqha. Kellu gramofon qisu kabinett, bi tromba enormi u fejn terfa' d-diski taħt; kellu kaxxa tal-landa fejn iżomm il-labar li kienu jdoqqu d-diska, li kellha stampa ta' kelb jissemma' ġo gramofon.

Mill-Barrakka ta' Fuq, kont nara, filgħaxija, numru kbir ta' fregati tal-gwerra mixgħulin. Kont tisma' tisfira li kienu jsaffru l-baħrin. Il-gallariji tal-fregati il-*crow's nest*, kienu jkunu fil-għoli ħafna, aktar mill-għola sur. Ukoll għadu stampat f'moħħi il-logħob tas-*searchlights*, u xi drabi il-baned ta' abbord. Trid timmaġina dawk il-vapuri tar-rmonk, iħallu warajhom dik ir-rimja fil-baħar kalm, miżbugħin ħomor u bojod. Kont tisma' ukoll il-ħsejjes tal-magni u l-muturi. Barra minn dan, wieħed ma jistgħax ma jsemmix il-muvimenti l-oħra, bħal vapuri tal-merkanzija li kienu isorġu taħt is-sur ta' Santa Barbara, u d-dgħajes u l-laneċ... Tal-karrozzini u tad-dgħajes ukoll kienu jaqalgħu l-għixien tagħhom tajjeb, ġejjin u sejrin bejn il-Belt u l-Kottonera...erħilhom jgħajtu...."*Cabby Sir!*"..."*Dgħajsa Sir!*" Kuljum filgħaxija kont nara in *Knight of Malta* għaddej, mixgħul, imur Sqallija. Kienu xeni u ħsejjes li jattiraw l-attenzjoni ta' wieħed ċkejken bħali, u għadhom f'moħħi qishom, il-bieraħ.

U xi ngħidu għall-*lifts*...wieħed tiela' u l-ieħor nieżel. L-art proprja għall-lift kienet magħmula bħal speċi ta' palk ta' l-injam, speċi ta' pont. Kont nara x-xquq ta' bejn l-injam, u minn dak l-għoli tgħidx kemm kont nibża'....il-karrozzi u l-karrozzini hemm isfel kienu jidhru qishom *Dinky Toys*. Il-lift bilkemm kien ikun għadu waqaf fuq, li l-baħrin ma jaqbżux minn fuqu biex joħorġu jiġru minnu. Kellu żewġ riklami kbar in-naħa li tagħti għat-triq il-ġdida; wieħed *The Times of Malta* u ieħor *Il-Berqa*. Fuq is-saqaf kien hemm bħal *missen hut* b'sel-lum tal-ħadid, biex l-impjegati jistgħu jitilgħu u jinżlu. Il-biljett kien jiswa sold. Taħt il-lift konna ngħidulu ż-żigużajg. Fil-Barrakka kien ikun hemm tfal jilgħabu ħarba jew il-passju, jew idawru ċirku kbir billi jagħtuh daqqa ta' njama, minbarra xi ftit namrati fl-irkejjen...u l-anzjani jitkażaw bihom...mur ġibhom illum x'kienu jgħidu! Kien ikun hemm min ibiegħ iċ-ċiċri, ful u karawett, iżomm qoffa bil-għalaq. Oħrajn kienu joqogħdu idawru l-klieb.

Taħt il-gallarija tal-ħadid tal-Barrakka ta' Fuq, kont tilmaħ xi nofs tużżana kanuni, u bejniethom munzell balal, boċċi tal-ħadid, irranġati bħal piramida. Din kienet is-*Saluting Battery*, kif kien hemm ukoll miktub bl-iswed fuq l-abjad fuq il-ħajt. Kont tara wkoll min jieħu r-ritratti, u jiżvilupphom dak il-ħin stess. Il-kamera kienet tkun tal-injam, kwadrata, tistriħ fuq tripied. Kien ikollu bħal purtiera sewda biex idaħħal rasu taħtha, u kien jgħid lill-klijenti, *one, two, three,* u mat-*three* tiċċaqalqux. Għad hemm il-kjosk bis-siġġijiet u l-im-wejjed tal-ħadid, barra, fejn wieħed kien jista' jieħu ruġġata, ġelat jew *orange crush*.

Dak iż-żmien kienet ħaġa komuni tara tabelli tal-kar-tun, fuq il-bibien tad-djar .."*Si Loca*" jew "*To Let*", speċjalment

għall-villeġġatura. Missieri kien jikrilna post għas-sajf f'Tas-Sliema, li għadu jeżisti sa llum ħdejn il-Plaza Regency Hotel. Eżatt kif taqsam it-triq, kien hemm familja jagħmlu l-imqaret, jaqsmulek qalbek bir-riħa. Taħthom eżatt kien jeżisti razzett b'ħafna qasab, tassew ħelu u pittoresk. Dan illum spiċċa, minħabba li hawn sar ġnien u *playground;* hawn insibuh bħala l-*Exiles*. Niftakar kif wasalna f'dan il-post ta' villeġġatura, lil ħija ż-żgħir Vince, serrħuh ma siġġu wieqaf sakemm jisbarazzaw, u telaq jimxi waħdu! Dak iż-żmien kienet ħaġa ta' ferħ meta tarbija titlaq timxi, u skantaw; iz-zija Karmena qalet "Għad jitwieldu jitkelmu!". Hawn filgħaxija konna noħorġu passiġġata għall-frisk kif kienu jagħmlu ħafna familji oħrajn.

Fil-Ħdud, missieri kien jeħodna għand Vitor tal-Veċċa, f' San Pawl il-Baħar, għax kienet magħrufa għall fniek u spagetti tajbin. Lili l-inbid kienu jħalltuhuli *shandy* mal-luminata. Dak iż-żmien il-baħar kien kollu ċar daqs il-krisrtall. It-triq li tieħu għax-Xemxija u l-Armier kienet dejqa ħafna, bilkemm tgħaddi xarabank ta' llum. Filgħaxija kien jitla raġel mal-fanali tal-pitrolju jew żejt, bis-sellum, u jixgħel id-dwal, għax f'dawk l-inħawi l-elettriku kien għadu ma wasalx. Wara l-ikel, meta nmorru nistrieħu, Vitor kienet tippompja l-isprej tal-Flit kontra d-dubbien, u tagħlaq il-kamra biex dawn imutu. Biex tisprejja kien ikolla landa ċilindru twil bil-bott ieħor imwaħħal miegħu li jimlewh bil-velenu, u fuqu kellu stampa ta' dubbiena. Għal-lum nieqfu hawn u nkomplu darb' oħra.....................

**Nota Ta' Apprezzament**

Is-Sur Paul Portelli temm il-kitba tiegħu: "....u nkomplu darb' oħra.........." Iżda d-destin kiefer ried li din id-darb'oħra mhix se tasal. Is-Sur Portelli, li kien ukoll membru attiv tal-kumitat tal-Għaqda tal-Folklor miet fil- 5 ta' Ottubru 1994. Rappreżentanti tal-kumitat tagħna, waqt xita torrenzjali, marru jassistu għall-quddiesa u wkoll fiċ-ċimiterju. Paul kien sikwit jikteb fl-Imnara dwar l-esperjenzi tiegħu ta' l-imgħoddi u jipparteċipa f'wirjiet. Minbarra li nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill familja tiegħu, niftakru fih ukoll fit-talb tagħna. R.I.P.

---

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# IL-LEĠĠENDA TAD-DAR IL-KAĦLA FL-ISLA

**Angelo Dougall**

Ilu ftit, il-Ministeru tat-Turiżmu ppublika fuljett, "The Cottonera...The Roots of Malta", li fih insibu tagħrif turistiku dwar il-Kottonera; fost l-oħrajn insibu, fl-Isla, post immarkat fuq il-mappa "Senglea, (4)", bħala "Cagliostro's residence' (residenza ta' Cagliostro). Dan il-post mgħadux jeżisti aktar, għax safa vittma tal-blitz fl-1941!

U ħafna jistaqsu, min kien Cagliostro?....Ma nistgħux nirreferu għal dan il-bniedem mill-aktar notorju bla ma nitkellmu fuq leġġendi folkloristiċi fl-Isla, dwar id-dar fejn jingħad li kien joqgħod dan il-bniedem saħħar, bla ma nidħlu daqsxejn fil-folklor ta' dik il-belt, u dwar x'kien jingħad qabel l-aħħar gwerra dinjija hemmekk.

Il-Konti Alessandro Cagliostro għex fis-seklu tmintax; twieled f'Palermo fl-1743, għalkemm xi storiċi jsostnu wkoll li seta' twieled hawn Malta! Kien jismu Giuseppe Balsamo. F'ħajtu kien magħruf ħafgna għas-sħarijiet u għall-kult tal-maġija sewda. Waqqaf ħafna loġoġ għal dan l-iskop, u għall-laqgħat ta' setet mogħtija għar-ritwali tal-okkultiżmu f'ħafna ħbit ta' l-Ewropa. Il-fama tiegħu dwar dan xterdet ma' fl-Ewropa kollha ta' dak iż-żmien. Kien bniedem bla skrupġlu, ħalliel, ta' karattru mill-agħar, u ħajtu ntemmet fl-1795, f'miżerja kbira, ġol-ħabs ta' San Leo fl-Italja.

Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Cagliostro għex għal xi żmien hawn Malta, u l-Gran Mastru Pinto (1741-1773), mhux biss talli laqgħu ħafna, imma saħansitra tah daqsxejn ta' post fil-palazz tal-Belt, fejn kien jagħmel esperimenti ta' seħer u ta' maġija! Kellu min jipproteġġih , u avolja għaddew tant snin, leġġenti fuqu ta' sħarijiet baqgħu! Fl-Isla kienu jbeżżgħu lit-tfal bis-"saħħar", "jitfgħek ġol-bettija!", "jibdlek f'annimal", u mid-dehera kienu jibżgħu wisq minnu...

**Id-Dar il-Kaħla, L-Isla** Qabel l-aħħar gwerra dinjija, kienhemm leġġenda folkloristika ta' sħarijiet fl-Isla, marbuta ma' dan is-saħħar Cagliostro u mad-Dar il-Kaħla. Din kienet dar kbira u qadima, b'faċċata majestuża...fil-fatt, palazz żgħir. fi triq Vitorja (fuq ix-xaqliba tat-tarzna) u qrib Triq San Ġiljan. L-Isla kulħadd hekk kien isibha, bħala id-Dar il-Kaħla. Inbniet minn Claude de La Sengle, meta kien balliju ta' l-Ordni, ftit snin qabel ma sar Gran Mastru fl-1553. Il-faċċata ta' dan il-palazz kienet reġgħet ittellgħet fi stil barokk, fil-bidu tas-seklu tmintax wara t-terremot il-kbir. Fl-1939 ftit xhur qabel faqqgħet il-gwerra, kienu nstabu fil-qrib, xi katakombijiet, u xi passaġġi sotterrranji li jinfdu mal-kantina tagħha....Xi nies fl-Isla kienu jistkerħuha ħafna din id-dar!

**Leġġenda dwar sħarijiet** Leġġenda folkloristika fl-Isla kienet tgħid, li Cagliostro kien għamel xi żmien jgħammar fid-Dar il-Kaħla. In-nies kienu isejħulha hekk minħabba l-aperturi tagħha, twieqi, bibien u gallarija enormi ta' l-injam li kellha, dejjem kienu jinżebgħu lewn ikħal, kif ukoll parti mill-faċċata mbajda dak il-lewn! U l-leġġenda tkompli tgħid, li jekk xi darba d-dar

tinżebagħ b'xi lewn ieħor, dan , b'xi seħer, jinbidel, u jsir lewn ikħal f'dak il-lejl stess!

Dan il-palazz, id-Dar il-Kaħla, safa kollu mwitti u meqrud, milqut dirett mill-bombi fis-16 ta' Jannar, 1941, f'xi t-3.30 p.m., fost xita ta' bombi li waqgħu waqt it-tieni kolp tal-blitz ġermaniżi fuq l-*H.M.S. Illustrious*. Illum, minflok dak il-palazz, naraw mibnijin djar ġodda kbar, mingħir biss l-iċken tabella ta' l-irħam, bl-iskrizzjoni ta' tifkira, dwar x'kien hemm qabel! Imma l;-leġġenda dwar dan il-post, u l-konnessjoni tiegħu mas-saħħar notorju, baqgħet ħajja!...

---

**Tiswijiet**

Fl-Imnara No. 16, Vol. 4 No.3, paġ. 82 - 83, fl-artiklu ta' Mary Ghio "Il-Ħajja fl-Imgħoddi", ħarġu xi żbalji tat-*typing* ta' min jirranġhom:

p. 82, linja 11, fejn jidher "ġo biċċa karta ħażina" irid jiġi "ġo biċċa kutra ħażina".

p. 82 , linja 18, minfl;ok "tal-muntun" għandu jidher "tal-pulmun".

---

**Kitbiet Għall-Imnara**

L-Editur jaċċetta kitbiet għall-Imnara, sakemm dawn *ikunu oriġinali* u *qatt ma deheru qabel publikati band' oħra*. Għandhom ikunu riżultat ta' riċerka jew esperjenzi personali, u preferibbilment dwar folklor lokali jew li direttament jinteressa lill-Maltin.

---

## OLD SMOKING PIPES

Guido Lanfranco

In L-IMNARA No. 16 (Vol. 4 No. 3) published 1994 for 1992, pages 62 to 65, Mr. John Wood contributed an article "Pipa tal-Qasba" which discussed an interesting aspect of Maltese folk life, pipe smoking. In a telephone conversation during his recent visit to Malta, I promised him that I would try to obtain more information on the subject. Such information on old pipes appears very scanty and uncertain.

I happen to have an hour's weekly programme on RTK Radio about local folklore, which includes the facility of phone-ins by listeners. I availed myself of this opportunity to dedicate one programme, among other things, to try to obtain information on the subject of old smoking pipes. Considering the elusiveness of the subject, I managed to solicit a few words from three listeners, which may either confirm or contribute to what is already known. I have transcribed the relevant sections of a recording of the programme which took place on 10th August 1994. My programme forms part of a longer session produced by Susan Mulvaney. I am herewith giving a translation from the Maltese originals, but have left out my own questions and remarks which I used to solicit information:

(i) "Plaster pipes used to come in wooden boxes packed in straw, and used to be sold by a man (I forget his surname), but then we were children, we used to call him Mr. Karm. His shop was in St. John Street steps, (Valletta), leading down to Ta' Ġieżu church. Sailors used to go in and buy these pipes. The boxes were big, wooden ones; they (the pipes) came in quantities. We used to open the boxes for him. When a pipe accidentally broke, he gave it to us, and we used to put a matchstick to bridge the break and played at smoking pipes. They were all white, smooth, and sold at one penny each, also bought by some old men from the villages. He was an agent. I was then about eight years old, now I am fifty six" (male caller formerly of Valletta).

(ii) "There was a man who made pipes...an old man he was...; all the pipes he sold he made himself out of clay...he worked with his hands (no moulds)...he had this knack of making them. There were people who took a piece of reed, cut a length above the node to form a cup, then found a thin reed, made a hole on the side of the cup, and thus made a pipe. Red ones used to be imported...the Turks used to bring them; (1) the cups were imported, and then a thin reed inserted for smoking them;...my grandfather used to have many of these." (Karm. Spiteri, Żejtun, 81 years old).

(iii) At Rabat there used to be an old man about sixty years old, who used to work in clay. He used to make also clay pipes, but not for business, but just to use himself or give away to friends; (The cups) were made of clay, and looked like the face of a drunk, or with designs and patterns...He continued to make these pipes, in Bir Riebu area...in a lane...sixty years ago...I was ten years old...my mother used to take me there to buy flow-erpots. He had a potter's wheel. Also these clay pipes, I

remember, were sold by the Turks...they were cream coloured, with nice shapes; they were curved...they cost two pence halfpenny each...he (the Turk) used also to sell sweet sedge root (2), and pipes in a bag over his shoulder." (Tessie Vella, formerly of Rabat, Malta, over 70 years old).

(1) Turk and Turks here stands for North African nationals who used to come over to Malta before the Second World War, selling various small wares and sweets produced in their country.

(2) Sweet sedge roots, obtained from *Cyperus esculentus*, were locally called "Ħabb għażiż.

---

**Pipe for Maritime Museum**

It was reported in "The Malta Independent" of 29-8-1993 that a sailor's knife in brass scabbard, and a clay pipe were retreived from the sea near Birgu. These were handed over to the Maritime Museum at Birgu, The curator Mr. Espinosa said that the scabbard could be of the last century, and the pipe may be older still.

---

# IL - ĦALIB F' ĦAL TARXIEN

Rafel Bonnici Cali'

Ħal Tarxien kien magħruf ukoll bil-laqam "Tal-Ġebla r-Ratba", mhux għax il-ġebel artab tassew, iżda għax fiż-żmien neolitiku in-nies kienu għarfu jnaqqxu u jiskolpu disinji fil-ġebel., qishom qed jaħdmu fit-tafal, disinji b'ornamenti ta' weraq, spiralli u saħansitra annimali tal-ħalib bħal baqar u mogħoż, u wkoll statwi tat-tempju. Dawn ix-xogħolijiet ma sarux bil-għodda tal-metall, iżda biż-żnied jew ġebel qawwi, u is-saħħa ta' jdejhom.

Fost l-akbar għadd ta' anniamli li naraw minquxa fit-trempji ta' Ħal Tarxien, , jidhru proċessjoni ta' mogħoż jew annimali oħra tal-ħalib, dawk li kienu l-aktar offruti lil alla mara tagħhom. U tabilħaqq il-pjanura li hemm bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun, għadha magħrufa bħala Bu Leben, jiġifieri missier il-ħalib, post fejn kienu miġbura l-akbar għadd ta' mogħoż li jipprovdu l-aktar u l-aħjar ħalib.

Sa llum, meta tagħmel ix-xita, it-tfal ta' Ħal Tarxien għadhom jgħidu "Agħmel xita, agħmel, ħalli jikber il-ħaxix, il-ħaxix nagħtuh lil mogħża, u l-mogħża ttina il-ħalib".

It-tlitt ibliet ta' Bormla, l-Isla u l-Birgu, faru bin-nies wara l-assedju l-kbir tal-1565, u meta żdiedet il-ħtieġa għal aktar ħalib, dawn sabuh mir-raħħala ta' Ħal Tarxien, Żabbar u l-inħawi tal-qrib, iżda ir-raħħala ta' Ħal Tarxien baqgħu l-aktar magħrufa għall-bejgħ tal-ħalib f'din in-naħa ta' Malta. Meta ngħidu raħħal ifisser raġel mir-raħal li jrabbi l-bhejjem għall-ħalib. Jekk ma jkunx hekk nġidulu raħli, mhux raħħal. Dawn in-nies kienu jinsabu fl-inħawi kollha tal-gżejjer. Tar-Rabat kienu jaqdu lin-nies ta' l-Imdina, ta' Ħal Qormi lill Beltin, u l-oħrajn kollha jaqdu l-ibliet fil-qrib...għax "Belt bla ħalib bħal bir bla ilma!"

Ħal Tarxien kellu l-ħtiġijiet tiegħu kollha, iżda niesu kienu fil-maġġoranza tagħhom, raħħala u bdiewa. Ir-raħħala kienu jżommu l-mogħoż fil-maqjel, bosta drabi kamra kbira fl-istess dar tagħhom. Kienu jsejħu lill-mogħoż bil-kulur tagħhom, bħal Ħamra, Bajda, Sewda, Belqa (jiġifieri bil-kuluri mżewqa), Kull mogħża ikollha ħannieqa biex jinqabdu minnha. Il-mogħoż ġeneralment huma ubbidjenti, u jagħrfu l-kmand ta' sidhom, iħobbu jimxu u jirgħu flimkien, iżda għadhom jingħaddu bħal annimali injoranti, għalhekk nużaw il-qawl "ras ta' mogħża" għal min ma jridx jifhem u rasu iebsa, u "qatta' mogħoż" għan-nies li jagħmlu kollox bħal f'merħla waħda. Jingħad ukoll, li meta r-ragħaja daħlu jaduraw lil-Bambin fil-għar ta' Betlem, in-nagħaġ daħlu u il-mogħoż ma daħlux, u għalhekk aktar bqajna nisimgħu bil-Ħaruf t'Alla, u bin-nagħaġ tar-ragħaj it-tajjeb. Insibu wkoll li r-ragħaj kien jifred in-nagħaġ mill-mogħoż, ipoġġi l-mogħoż fuq ix-xellug u lin-nagħaġ fuq il-lemin tiegħu.

B'dan kollu, il-mogħża Maltija taqbel wisq mal-bżon-nijiet tagħna, billi tipprovdi ħalib tajjeb bl-irħas prezz. Ir-raħħal erħilu jiftaħar bil-mogħoża ta' sidirha kbir, u jgħidlek "dik erħa!" jiġifieri dik mogħża tajba... Kemm is-suf tan-

nagħġa, kif ukoll ix-xagħar iebes u niggieżi tal-mogħża ifornu lill-bniedem b'materjal għad-drappijiet, iżda s-suf tan-nagħaġ ħadd ma jirbaħlu biex isaħħan fl-eqqel tax-xitwa. Ħal Tarxien nistgħu naqsmuh f'erba, żoni għall-mogħoż; Wara l-Bjut, Bir Bixkilla, Wara l-Knisja u Triq Xintill. Iżda l-eqdem żoni huma ta' Wara l-Bjut, jiġifieri post imwarrab wara l-bini tal-poplu, u Bir-Bixkilla jiġifieri post ta' tfixkil, għax min kien jidħol fih ma kienx isib minn fejn joħroġ ħlief minn fejn daħal, post mimli sqaqien li ma jinfdu ma' mkien aktar. Hawn ir-raħħala l-antiki kienu jistkennu waqt il-ħbit ta' għedewwa misilmin, għax kienu jafu li jekk il-ħallelin jidħlu f'dan il-post, ma joħorġux aktar minnu. Ir-raħħala kienu kollha minn familja waħda u jaqbżu għal xulxin. Ir-raħħala jibżgħu ħafna mill-għajn ħażina, u biex jipproteġu lill-annimali tagħhom kienu jdaħħlu biċċa xemgħa tal-kandlora (mbierka) fil-widna ta' l-annimal u jobormuha max-xagħar biex tibqa mwaħħla fil-widna.

Il-mogħża tbati ħafna mill-mard tad-deni, u dan kien ta' taħbil ir-ras kbir għal bosta kbarat Ingliżi biex jipproteġu lis-suldati mid-deni rqiq *undulent fever)*. Għall-ħabta tal-bidu tas-seklu tagħna, it-tabib Malti Temi Zammit kien tħabat ħafna flimkien mat-tabib Ingliż Bruce biex sabu minn fejn kienet ġejja l-marda, u b'hekk bosta Maltin ħelsu mid-deni rqiq. Kien hawn min jaħseb li meta l-mogħża kienet tiekol il-karti mit-toroq, dawn kienu jkunu infettati u tmarrad lil ħaddieħor bil-ħalib tagħha. Id-deni rqiq gie li kien iġib ukoll il-ponot. Nafu fost oħrajn, b'każi ta' mwiet bil-ħalib tal-mogħoża ħażin, f'Ħal Tarxien. Fl-1907, Ġużeppi Bonnici ta' ħdax il-sena, miet, kif ġie mxandar fil-gażżetti ta' dak iż-żmien. Ir-raħħala jgħidu, li minn dak iż-żmien il-quddiem, il-mogħoż bdew jiġu mlibbsa sarima tax-xibka tal-fildiferru, biex ma jkunux jistgħu jieklu karti, ċraret u ikel ieħor waqt li jduru fit-triqat.

Kien żmien meta l-merħliet tal-mogħoż kienu jidħlu ġewwa l-belt Valletta mar-raħħala. biex isir il-bejgħ fid-djar privati bieb bieb. Il-mara tad-dar kienet toħroġ fil-bieb bil-bott jew skutella, waqt li r-raħħal jgħajjat waħda wara l-oħra..."Ħalib!..." Ir-raħħal kien jibdel l-għajta tiegħu fir-Randan, u fil-jiem ta' sawm, u jgħajjat..."Ta' l-Abjad!" Il-gvern kien iżomm spettur f'kull raħal biex jara li l-maqjel ikun miżmum nadif u l-bhejjem f'saħħithom. Fost l-ispetturi li baqgħu jissemmew f'Ħal Tarxien, kien hemm is-Sur Ninu Cremona, studjuż ta' l-istorja u l-folklor. Dan kien jieħu ħsieb ta' kollox fir-raħal tagħna mnejn kien ġabar ħafna folklor, u fejn għex għal xi żmien. Kien ukoll kiteb poeżiji, u l-"Fidwa tal-Bdiewa", u hawn kien beda jippubblika l-poeżiji tiegħu bit-Taljan u bil-Malti, u kien ukoll tħabat biex instab it-tempju neolitiku fl-1913.

Irrid ukoll infakkar., li kull mogħża kien ikollha qanpiena żgħira mal-ħannieqa, u merħla mogħoż kienu jferrħu lil kulħadd bil-qniepen tagħhom jew sansirri,(plural ta' sansirru) jiġifieri qanpiena ta' forma żengulija. Fil-lingwa tat-tfal antiki, lill-mogħża kienu jsejħulha geduda. L-aħjar ikel għall-mogħża biex tipproduċi l-ħalib tajjeb, kien il-ful, imma l-mogħża kienet ukoll teħtieġ il-ħaxix li kienet tlaqqat meta kienet toħroġ fl-għelieqi. Ir-raġel tal-mogħża, il-bodbod, huwa dis-prezzat bħala moqżież, imma fl-Ingilterra kien stmat flimkien

mal-mogħża, billi kienu jagħmlu sehem mill għaqda "*The Royal Goat Society*". Ta' min jinnota li l-mogħoż ikollhom bħal żewġ swaba imdendlin tħat għonqhom, li jgħidulhom imsielet tal-laħam. Il-laħam tal-mogħoża huwa aktarx bla gost, iżda niftakruh fil-*Victory Kitchen* ta' żmien il-gwerra fl-1942...

---



Raħħal b'merħla mogħoż ibiegħ il-ħalib fit-toroq

(minn tpinġija ta' Guido Lanfranco, 1975)

Book Review

**"MARIA CALLEJA'S GOZO....A LIFE HISTORY"** Edited and Introduced by **Micheline Galley** Utah State University 84322-7800 U.S.A. in the UNESCO Collection of Representative Works, European Series. 1994. x, + 245 pp. + illustrations. $29.95 + $5 postage and packing; or Lm 12 through Maria Calleja, "Cova da Iria" Xuxa Street, Kerċem, Gozo. (Tel.556622)

Madame Galley is a French ethnographer, director of researches at the National Centre for Scientific Research in Paris; formerly secrtetary general of the International Association of Studies in Mediterranean Civilisations. She has also writtn many publications on oral folklore, some also including folk chants and poems from our islands. The book has a foreword by Ġużè' Cassar Pullicino, the leading Maltese folklorist, and has notes and appendices to elaborate on the text.

Maria Calleja's experiences, as related to Madame Galley. sum up the life history of a typical. educated Gozitan woman of this century, especially bringing out the way of live prevailing since the 1930's. Being an ethnologist, Madame Galley used her questions, to bring out of her friend and subject those aspects which would most interest readers of this type of work. She adds value to the text by including notes and observations on mannerisms, intonation, style and gesticulations of the speaker which the ethnologist values so much to give more meaning to oral folklore.

The questioner's intention was clearly to bring out the life story of one woman within a closely-knit community, and not to produce a study on Gozo's community in the context of a wider world, and therefore Maria Calleja's story dwells more on her intimate life and surroundings.

Had the subject been an uneducated person, Madame Galley's work would have been rendered more difficult, to put it mildly; as it is, Maria Calleja, a former teacher and headteacher, did not need an interpreter, and found her way effortlessly and easily to relate her experiences through all imaginable subjects under the sun of Gozo. Her narrative style and presentation betray her attitudes and feelings, and the reader can easily judge her character.

Her account shows contrasts between different life styles coexisting in Gozo, and also between those of the two islands, (with a kindly eye on her remark, page 113, "Sliema...where the snobs live" which, for an educated person, is too hasty and thoughtless, besides being incorrect).

She touches on all sorts of things, as the comprehensive index also shows, and reveals personal sorrows and jubilations, opinions on, and attitues to the numerous aspects of life around her.

It will not be of any particular advantage for me to dwell on only one or two particular points in her narrative, when there are hundreds, and all of the book is of interest to sociologists,

folklorists and ethnologists in general. Contemporaries of Maria Calleja will appreciate better the meaning and intricacies of her account, enacted on an island no longer as we remember it before the second world war.

It is a well-produced and enjoyable book which should not only be obtained by scholars in the above-mentioned fields, but also by the general reader, besides being a valuable addition to all collectors of melitensia.

Guido Lanfranco



PROPOSTI GHAL STATUT RIVEDUT TA' L-GHAQDA TAL-FOLKLOR biex jiġi diskuss / approvat fil-laqgħa ġenerali 1995.

1. **Isem** L-isem tal-Għaqda jkun GHAQDA TAL-FOLKLOR (Malta Folklore Society). (minn issa l-quddiem, f'dan l-istatut tissejjaq GHAQDA)

2. **Indirizz postali** Sakemm l-Għaqda ma jkollhiex sede uffiċjali, l-inidirizz ikun c/o ta' dak li jkun segretarju fissena kurrenti.

3. **Għanijiet** (a) Biex il-folklor Malti jiġi mħares, jiġi aktar magħruf u inkoraġġit fil-forma tradizzjonali tiegħu, fejn hu possibbli.

(b) Biex tippromovi l-folklor Malti permezz ta' taħditiet, xandir, wirjiet, publikazzjonijiet, eċċ.

(ċ) Biex tinkuraġġixxi riċerka u studju taddrawwiet u tradizzjonijiet u manifestazzjonijiet oħrajn Maltin, oriġini u żvilupp tal-għana, żfin , mużika u lbies popolari u taqbil ma' dawk ta' artijiet oħrajn.

(d) L-Għaqda tkun strettament mingħir xejriet politiċi.

4. **Membri** (a) Kull min għandu għal qalbu l-interess tal-folklor f'Malta, jista' jissieħeb fil-Għaqda.

(b) Biex wieħed ikun membru għandu jħallas għal darba Lira Maltija *"admission fee"* malli jissieħeb, u lira Maltija kull sena bħala sħubija. Din ir-rata tista' tiġi riveduta u mibdula skond il-bżonn, f'laqgħa ġenerali, b'avviż minn qabel fuq l-aġenda. Min ma jħallasx is-sħubija jitqies li mhux membru effettiv għal dik is-sena. Min ikompli jonqos li jħallas, ukoll wara li jkun avżat bil-miktub, jista' jinqata' mill-lista tal-membri.

(ċ) Jekk membru ikun ta' dannu għall-Għaqda jew għall-interessi tagħha, jiġi sospiż jew jitneħħa mill-lista tal-membri.

(d) Il-Kumitat jista' jagħżel presidenti onorarji.

(e) L-Għaqda tista' tiftaħ fergħat.

5. **Kumitat amministrattiv**

(a) Il-kumitat ikun magħmul minn president, segretarju u teżorier, viċi president, assistent segretarju u assistent teżorier. Ikun hemm ukoll tliet membri. Dawn kollha jkunu nomi-

nati u eletti waqt il-laqgħa ġenerali annwali minn membri effettivi. Il-karigi rispettivi jiġu deċiżi ,minnhom stess waqt l-ewwel laqgħa tal-kumitat li ssir wara l-laqgħa ġenerali annwali.

(b) Il-kumitat jiltaqa" skond il-bżonn, iżda mhux inqas minn darba kull xaharejn.

(ċ) Il-kworum għall-laqgħa tal-kumitat ikun ta' ħames membri, iżda jekk dan ma jintlaħaqx, il-laqgħa ssir xorta waħda wara nofs siegħa.

(d) Il-kumitat iservi għal sena sakemm jiġi xolt fil-laqgħa ġenerali annwali li jmiss.

(e) Jekk membru tal-kumitat ma jattendix għal tliet darbiet wara xulxin mingħajr ma javża, jitqies li rriżenja mill-kumitat.

(f) Jekk membru tal-kumitat iħalli l-kariga tiegħu, minn floku tinħatar dik il-persuna, li fil-votazzjoni ta' l-aħħar laqgħa ġenerali annwali tkun imissha, wara li nħatar il-kumitat kurrenti. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-kumitat jista' jaħtar lil xi persuna oħra minn fost il-membri effettivi.

## 6. Dmirijiet ta' l-uffiċjali

(a) Il-president jara li jintlaħqu l-għanijiet tal-għaqda u li x-xogħol isir skond l-istatut. Imexxi kull laqgħa tal-għaqda. Jagħmel indirizz fil-laqgħa ġenerali annwali.

(b) Is-segretarju jżomm il-minuti ta' kull laqgħa, iżomm rekords tal-attivitajiet kollha u tal-korrespondenza tal-għaqda. Iżomm lista aġġornata tal-membri. Isejjaħ il-laqgħat skond kif jiġu deċiżi mill-kumitat, iħejji rapport annwali.

(ċ) It-teżorier jieħu ħsieb il-fondi tal-għaqda u jħejji rapport annwali bir-rendikont finanzjarju.

(d) Il-viċi president, l-assistent segretarju u l-assistent teżorier, jagħmlu l-istess xogħol tal-uffiċjali rispettivi jekk dawk ma jkunux preżenti, jew jgħinuhom fix-xogħol tagħhom.

(e) L-editur tal-publikazzjonijiet tal-għaqda mhux bilfors li jkun membru tal-kumitat jew membru effettiv, iżda f'xogħolu huwa obbligat li jżomm mal-għanijiet tal-istatut tal-għaqda, u jirrifletti biss ir-rieda tal-kumitat.

7. **Laqgħa ġenerali annwali**

(a) Din għandha ssir kemm jista' jkun kmieni fil-bidu tas-sena l-ġdida, matul l-ewwel xaharejn tas-sena. L-aġenda għandha tinkludi (i) minuti tal-laqgħa ġenerali li tkun saret qabel. (ii) Indirizz mill-president. (iii) rapport tas-segretarju. (iv) rapport finanzjarju ffirmat mill-awditur li jkun intagħżel fil-laqgħa ġenerali annwali ta' qabel. (v) ħatra ta' "chairperson" u persuni oħra biex imexxu l-elezzjoni tal-kumitat il-ġdid. (vi) nominazzjonijiet u votazzjoni għall-kumitat il-ġdid. (vii) nominazzjoni ta' awditur għas-sena kurrenti.

(b) Il-kworum għal-laqgħa ġenerali ikun ta' nofs il-membri effettivi; jekk dan ma jintlaħaqx, il-laqgħa tibda nofs siegħa wara.

(ċ) Tista' tissejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja mill-kumitat, jew minn għaxar membri effettivi.

8. **Tibdil fl-istatut** L-istatut jew partijiet minnu jistgħu jinbidlu biss b'deċiżjoni ta' laqgħa ġenerali wara li l-membri effettivi ikunu rċevew, mill-inqas sa jumejn qabel, kopja tat-tibdil propost.

9. **Xoljiment**

(a) Jista' jsir xoljiment tal-għaqda biss b'deċiżjoni ta' membri effettivi waqt laqgħa msejħa apposta.

(b) Jekk l-għaqda ikollha xxolji, (i) id-dokumenti tal-għaqda jmorru fl-arkivju nazzjonali b'att notarili. (ii) jekk ilkollha ġabra jew librerija ta' kotba, dan imorru fil-librerija pubblika nazzjonali. (iii) flus li jappartjenu lill-għadqa imorru f'xi istitut. (iv) jekk ikun hemm oġġetti folkloristiċi proprjeta' tal-għaqda, dawn imorru għand id-direttur tal-mużewijiet nazzjonali.

---